**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 29 ta' Ottubru 2024**

**Rikors guramentat nru : 232 /2017 AGV**

**M sive Mm B**

**Vs**

**C sive Ch B**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors Guramentat ta' MB li ppremettiet is-segwenti :-**

1. Illi l-kontendenti zzewwgu fit-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Ottubru, tal-elf disgha mija u wiehed u tmenin (1981) u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illum maggorenni.
2. Illi z-zwieg ta’ bejniethom tfarrak u tkisser irrimedjabilment minhabba eccessi, Minacci, sevizzi, theddid u offizi gravi, fost affarijiet ohra validi fil-ligi li rrendew il-hajja konguali impossibbli u li jaghtu lok ghas-separazzjoni personali skond lil-ligi, bi htija mputabbli unikament tal-konvenut.
3. Illi ghalhekk il-hajja konjugali m’ghadhiex aktar possibbli.
4. Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati biex jipprocedu f’din l-istanza permezz ta’ digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti dtata 27 ta’ Settembru, 2017 (ara digriet hawn anness u mmarkat bhala Dok. A).
5. Illi l-fatti hawn iddikjarati tafhom hi personalment.

L-attrici talbet ghalhekk lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni minhabba ecvcessi, Minacci, sevizzi, theddid u offizi gravi kommessi mill-konvenut fil-konfront tal-esponenti li konsegwentement tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut.
2. Tillikwida ammont adegwat ta’ manteniment li ghandu jigi pagabbli mill-konvenut lill-esponenti u tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tieghu mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu jew minn pensjoni illi qed jircievi l-intimat u tipprocedi dwar il-modalitajiet ta’ kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u

jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fl-gholi tal-hajja, filwaqt li tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-esponenti.

3. Tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif mahsuba fl-Artikolu 48 et.seq. tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u tapplika kontrih interament jew in parte d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, 51 u 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. Tiddikjara xolta u tterminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, u dan okkorrendo b'opera ta' periti nominandi u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.
5. Tiddikjara liema huma l-beni mobbli u immobbli dotali u/jew parafernali tal-attrici hekk kif jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza filwaqt li tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attrici tali beni dotali u/jew parafernali taghha, u dan fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilu prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti.
6. Tappunta kuratur sabiex jirrapprezenta lill-konvenut fl-eventwali kontumacja tieghu fuq l-att ta' divizjoni relattiva f'jum, hin u post stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti.
7. Tawtorizza tghix fid-dar matrimonjali 68, "Terrazza," Triq ta' Fuq il-Widien, Mellieha ad eskluzjoni tal-konvenut.
8. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez u imghaxijiet kontra l-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni.

**Rat ir-Risposta tal-konvenut CB ,** li eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi l-esponenti zzewwgu fit-22 ta' Ottubru, 1981 fil-Knisja Arcipretali taz-Zurrieq u mil-liema zwieg twieldhulhom zewgt itfal illum maggorenni.
2. Illi definitivvament mhux minnu li r-rikorrent qatt gie mhedda u/jew offiza mill-intimat u/jew b'xi mod agixxa b'sevizzi jew mohqrija kontra taghha anzi bil-kontra huwa l-intimat li kontinwament kien isofri psikologikament, mentalment u anke fizikament minn idejn l-attrici billi kienet kontinwament tikkritikah u tghajjru u toffendih personalment u bil-familjari tieghu. Tant illi minhabba l-attakki isterici li kien ikollha, huwa kien ta' kuljum johrog mid-dar bid-dbaqbiqa u hafna drabi anke minghajr ma jiehu kolazzjon. Apparti minn hekk ukoll huwa qatt ma' seta' jistieden bil-kwiet f'daru lil ommu u lil missieru u lil hutu ghax kull darba li huma kienu ser jersqu jew fil-fatt jigu fid-dar taghhom kienet b'xi mod jew iehor taqla l-inkwiet u taghmel xenati.
3. Illi l-vera raguni ghaliex ir-rikorrenti qalghat dan l-inkwiet u qeda taqla dawn il-qlajjiet, huwa minhabba lfatt illi wara z-zwieg ta' 36 sena, hija trid tghix hajjitha tigri m'ohtha, issa armla, u m'ommha illi sa qabel inqala l-inkwiet kienet akkomodata fid-dar taghhom. Hija ddecidiet li taqla dan l-inkwiet kollu wara li hija kecciet minghajr ebda raguni u b'mod vendikattiv lil ommu u missieru mid-dar taghhom

waqt ikla tal-Mother's Day f'Mejju 2016 u a kagun t'hekk ir-rikorrent qallha li ma jridx izjed lil ommha akkomodata f'darhom wara li huwa zammha tghix maghhom ghal madwar sitt snin minghajr l-ebda kontribuzzjoni da parti tal-istess omm.

4. Illi huwa dejjem hadem ghal familja u dejjem ghamel sagrificcji kbar sabiex zamm lill-intimata u lil uliedhom mill-ahjar li seta' billi ghinhom fl-edukazzjoni taghhom minghajr qatt ma hadmu anke meta saru maggorenni u anke xtralhom karozzi u ghinhom kif seta' biex jixtru u jghamlru fejn joqoghdu apparti ghajnunijiet ohra.
5. Illi kull ma' ghandhom l-intimati sar bix-xoghol tar-ragel ghax matul iz-zwieg il-mara qatt ma riedet tahdem barra mid-dar anzi pjuttost ghamlitlu bsaten fir-roti u xkiel b'sekwestri u mpedimenti ohra gudizzjarji minghajr l-ebda raguni u ntoppi ohra li sahansitra kienu waqqfuh milli jkompli b'attivitajiet kummercjali biex ittejjeb l-introjtu finanzjarju taghhom.
6. Illi hija ma gabet l-ebda dota u/jew proprjeta' mobbiljari jew immobbiljari hlief sehemha mill-art tal-ewwel dar li kellhom u set tal-kamra tas-sodda waqt li zewgha minn flusus u hu stess bena l-ewwel dar taghhom fi Triq il-Gdida fi Triq is-Sajjieda, Zurrieq.
7. Illi d-dar m'ghandix tkun ir-residenza esklussiva tal-mara ossia 68, Terrazza, Triq ta' Fuq il-Widien, Mellieha ghax din hija frott tal-komunjoni tal-akkwisti salv kumpens li l-intimat irrid jircievi tal-ispejjez li ghamel fix-xiri u l-bini tal-ewwel dar taghhom.
8. Illi mhux korrett li l-intimata tircievi nofs il-pensjoni ta' zewgha stante li ghandha ntrojtu ohra mis-Sigurta' Socjali li jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u xi investimenti ohra. L-intimat m'ghandu l-ebda introjtu iehor hlief nofs il-pensjoni li minnha jrid ihallas il-loans tad-dar inkluz l-interessi, life u home insurance kontra l-loan tad-dar, kontijiet tad-dawl u ilma, manutenzjoni tad-dar, cens tad-dar u

spejjez ohra relatati ma' investimenti li huma ghandhom ma' terzi. U dan anke minkejja illi l-intimata ghandha f'idejha fondi ohra tal-komunjoni tal-akkwisti.

9. Illi l-intimat m'ghandux jiddekadi il-jeddijiet konjugali ai termini tal-Artikolu 48 m'ghandhomx jigu applikati kontra tieghu d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 47, 51 sa 55 tal-Ligijiet ta' Malta.
10. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali.

**IKKUNSIDRAT:**

**<u>Fatti</u>**

1.L-attrici tispjega li wara tmien snin gherusija hi u l-konvenut kienu zzewwgu fit-22 ta' Ottubru, 1981 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal R u D llum maggorenni.

L-attrici tghid li fl-gherusija kienet tahdem hafna bhala kindergarten assistant kif ukoll kienet tahdem mal-Gozo Channel u dan sabiex setghet tghin lill-konvenut biex jibnu l-ewwel dar.

Ghalkemm tammetti li ghall-bidu kienet kuntenta hafna fiz-zwieg, kienu bdew jidhru l-ewwel problemi u dan ghaliex il-konvenut ried jibqa' jghix

hajja ta’ guvni u filwaqt li hi kienet toqghod id-dar tiehu hsieb it-tifla, il-konvenut kien jispicca mix-xoghol, imur s’ghand ommu, jidhol id-dar jiekol u jerga’ johrog sal-Kazin u jidhol tard filghaxija. Minhabba f’hekk kienet thossha mdejjqa hafna. Kien anke jippretendi li taghmel kollox kif ighid hu.

Problema ohra kienet l-indhil li kien hemm mill-genituri tal-konvenut. Kien jisma’ minnhom u lanqas kien jaghti kaz jew jiehu l-parir taghha, anke in kwantu jirrigwarda d-dar li kienu qed jibnu. Kien hemm ukoll tilwim bejniethom peress li l-konvenut kien halla l-indirizz postali fuq id-dar tal-genituri tieghu u l-attrici opponiet. Meta kienet qaltlu li talbet lil ommu sabiex tibghat tghidilha jekk ikunu rcevew xi invit, il-konvenut ghamel xenata shiha u f’okkazzjoni minnhom kien mar u ppakkja bagalja bi hwejjgu u telaq ‘l barra.

Kien mar ghand il-genituri tieghu, li lanqas iddenjaw ighidulha li kien hemm, anzi bdew ighajjruha li hija mara hazina. Kien bl-intervent ta’ Dun Manwel, li kien zewwighom, li l-konvenut rega’ mar lura d-dar. L-attrici tghid li kienet hafritlu, izda minn dakinhar il-konvenut kien jippretendi li jekk jiggieldu, l-attrici kellha tbaxxi rasha ghalih.

L-attrici ttenni ukoll li l-konvenut kien ighir ghaliha u kien impossibbli li tiddjaloga mieghu. Kienet tinsisti li jekk kellhom xi problemi kellhom jiddiskutuhom bejniethom, izda minflok il-konvenut kien jipponta subghajh lejha u jwaqqa’ t-tort kollu fuqha u jirridikolaha. Kien inkapaci jikkomunika b’mod civili u matur, kollox bl-ghajjat u d-dagha.

Kien anke jipprova jikkontrollaha fid-decizjonijiet politika peress li kien rasu shuna.

Kien hemm perjodu fejn regghu kien qalu ghall-ahjar u l-konvenut kien wera’ x-xewqa li jkollhom tarbija biex ikollhom naqra ferh. Di fatti kellhom tifel D, li twieled f’Dicembru, 1985. Tammetti li tul dan il-perjodu, hajjithom ma kinitx hazin, sakemm il-konvenut iddecieda li jitlaq mill-Airmalta u kien telaq miz-zwieg, u sab impjieg gewwa lukanda San Pawl.

L-attrici tishaq li l-konvenut ried jixtri dar ohra fil-vicinanzi ta’ San Pawl il-Bahar minhabba x-xoghol, kif ukoll minhabba li t-tifla kienet tattendi skola tas-Sliema. Kienu sabu post San Gwann u l-konvenut insista li jixtruh mill-ewwel, meta kien jaf li kien hemm problem fis-saqaf, tant li ftit wara dahhal is-sidien tal-post il-Qorti u rebah il-kawza sitt snin wara.

Minhabba li dawn is-sidien kienu telqu minn Malta u ma setghux jigbru flushom, il-Qorti ordnat il-bejgh tad-dar bis-subbasta u l-konvenut rega’ xtraha biex jaghmel profit, ghalkemm ma kinitx taqbel, izda ghal darb’ohra kien jinjoraha,

Tkompli tispjega li meta l-konvenut beda jahdem il-lukanda San Pawl il-Bahar, l-inkwiet bejniethom zdied. Il-konvenut kjen biss mohhu fix-xoghol u shabu u l-hbieb u ma kellux interess joqghod mal-familja, ghaliex meta kien jasal id-dar kien igerger li kien ikun ghajjien u jinxtehet quddiem it-television u ma jkellem lil hadd.

L-attrici ssemmi kif wara argument li kellhom wara li attendew tieg u skond il-konvenut, l-attrici ma kinitx tkellmet mas-segretarja tieghu sabiex tisfidah. Dakinhar kien refa’ idejh fuqha u kellha tirrikorri ghall-ghajnuna familjari.

Il-konvenut kien beda jdum iktar barra u qatt ma kien irid jaghtiha soddisfazzjoni ta' fejn kien sejjer. Kien jakkuzaha li qed ixewwex lit-tfal kontra l-familja tieghu u darba minnhom wara li kienet iddecidiet li tiehu lit-tfal ghand il-kunjata, kienu spiccaw hebbew ghaliha omm il-konvenut, kif ukoll ohtu. Kellha taghmel rapport l-ghassa taz-Zurrieq u l-konvenut kien ghamel zmien ma jkellimha.

Kien sussegwentement mar ikellem lil huha li huwa avukat sabiex jinfurmah li ried jissepara mill-attrici u meta kkonfrontatu kien innega li kien ghamel dan.

Meta t-tfal bdew jikbru, l-attrici ttenni li xtaqet terga' tmur tahdem, izda l-konvenut ma kienx jaghmlilha kuragg. Kienu anke ppruvaw imorru counselling ghand C A , izda l-konvenut ma riedx imur izjed probabilment ghaliex A jkun ghamel xi rakkomandazzjonijiet li m'ghogbux lill-konvenut.

L-attrici tkompli tinsisti li l-konvenut huwa persuna gellied u tal-punt, kif wara li rega' biddel xogholu u mar jahdem mal-kumpanija Elbros, iddecidew li jixtru art il-Mellieha biex jibnuha. Spicca li kellu xi jghid mal-bennej, tant li spiccaw il-Qorti u minkejja li rebah il-kawza l-bennej, beda jirrifjuta li jhallsu bl-iskuza li ma kellux flus.

Minhabba il-karattru gellied u pikux tieghu, il-konvenut kien biddel diversi mpjiegi sakemm beda jahdem ma' kumpanija Amerikana Christian International u kien jiftahar li ma tantx kellu xoghol u kien iqatta' hafna hin jilghab fuq il-kompjuter. L-istess kien jaghmel meta kien imur lura d-dar u l-attrici tammetti li kienet thossha mwarrba .

F'dan il-perjodu kien iddecieda li jibda jinnegozja fil-proprjeta' u iktar sar xhih u beda jippretendi li l-attrici ghandha taghtih rendikont ta' dak kollu li

tonfoq. Kien anke beda jippretendi li t-tfal jahdmu ukoll meta kienu qed jistudjaw.

Kien ibaxxi lil uliedu, partikolarment lil D  li kien dghajjef bhala karattru, tant li spicca kien ghamel perjodu fejn kien jiehu d-droga u donnu lanqas kien jaghti kaz, anzi kien idawwar il-htija fuqha. Kien ibaxxi lilha u anke jghajjarha li kienet injoranta u ma tinqala' ghal xejn,

Dwar id-dar tal-Mellieha, tghid li l-konvenut kien talabha sabiex tghaddilu c-cekk li kienet wirtet minghand missierha sabiex ihallas il-kcina u kienet tatu l-ammont ta' €3,700, izda qatt ma kien hallasha lura.

Kien f'dan il-perjodu li l-attrici marret tfittex ghajnuna mill-Agenzija Appogg u sabet hafna sapport u kienet anke qed issegwi l-psikjatra Dr.Peter Muscat peress li kienet qed thossha mdejjqa u kien ippreskrivilha pilloli li ghadha qed tehdom sallum.

Fis-sena 2003/2004, il-konvenut kien dahal f'negozjati sabiex jiehu hanut tal-kafe' f'Marsaskala u ghall-bidu ma kien qallha xejn. Skond il-konvenut kien qed jaghmel dan il-pass sabiex ighin lit-tifel D , li donnu ma tantx kien interessat. Sabiex xtara sehemu fil-hanut kien ha self mill-bank u uza d-dar taghhom sabiex biex jaghmlu garanzija mal-bank u fil-fatt kien hadha l-bank biex tiffirmalu. Tammetti li kienet kontra din l-ideja, izda l-konvenut kellu mod kif jibda jzieghel biha sabiex jiehu li jrid minghandha u peress li dejjem kienet tittama li l-affarijiet bejniethom jittrangaw, kienet icedi.

Ghalhekk l-attrici tishaq li kienet ghaddiet tal-konvenut u kien fetah in-negozju f'Mejju, 2004 u minn hawn kienet bdiet kilba ghall-flus.

Minkejja li għall-bidu l-konvenut kien jilmenta li kien hemm nuqqas ta' dixxiplina u kunfidenzi fuq ix-xogħol, l-attrici ssostni li l-konvenut malajr biddel fehmtu u kien beda jqatta' ħafna ħin il-ħanut u kien hemm impjegata minnhom li kellha ħafna kunfidenzi mal-konvenut u mal-partner l-ieħor tal-ħanut.

Kien jirrabbja mal-attrici jekk kienet tikkummenta fuq dan u kien ighidilha li għalih dawn kienu saru familja. L-attrici tammetti li kienet ħadet għaliha għax kien warrabha kompletament. Iffissa ukoll li xi ħadd kien qed ixewwex lit-tifel D u lanqas riedu izjed fil-ħanut. Magħha beda jsir iktar sfidanti u pikuz, tant li kienet tispicca tokroblu sakemm kien ighaddilha l-flus sabiex tixtri l-bzonnijiet ta' kuljum. Kien anke beda jsir iktar aggressiv minn qabel, kemm fizikament, kif ukoll verbalment.

Minħabba li ħajjithom flimkien kienet saret impossibbli, l-attrici kienet talbet lil ħuha l-avukat sabiex jintervjeni, izda tgħid li l-konvenuta kien għamel ħafna messi in xeni u beda jigdeb sfaccatament, tant li bint il-kontendenti spiccat kellha xi tgħid bil-kbir mal-konvenut u kien keccieha mid-dar. Minn dakinhar ma reggħetx marret tgħix lura d-dar u l-konvenut kien jakkuzaha li qed tati pariri lil ommha peress li kienet avukat.

Spiccat li marret ħadet parir mingħand avukat u fl-2006, kien taha parir sabiex tiftaħ proceduri ta' separazzjoni. Sadanittant, il-konvenut kien ġar l-oggetti personali tiegħu u l-attrici kienet ħargitlu mandat ta' sekwestru. Minħabba f'hekk, il-konvenut rega' beda jzieghel biha sakemm spicca kkonvinciha sabiex tneħħi s-sekwestru u malli għamlet hekk, l-attrici tammetti li l-konvenut rega' tbiddel. Kien beda jħalliha bla flus, u sar vendikattiv billi ma kienx qed iħallas il-kontijiet tad-dawl u ilma, la l-cable

tv, lanqas il-kontijiet tat-telefon u l-loan tad-dar. Kien anke nizzlilha t-tyres tal-vettura taghha kif ukoll ta’ dik il-vettura li qabel kienet issuq it-tifla. Darba kien anke sahansitra sakkarha d-dar li kellha titlob lill-pulizija sabiex jifthulha.

L-attrici tghid li meta waslu sa dan il-punt ma kellhiex ghazla, hlief li terga’ tiftah il-proceduri ta’ separazzjoni. Waqt li kienu ghaddejjin il-proceduri ta’ separazzjoni, il-Qorti kienet qabdet perit biex jikkonstata x’hemm fil-komunjoni tal-akkwisti u wara s-seduta l-Qorti, il-konvenut kien ikkonfronta lill-attrici u talabha sabiex jergghu jippruvaw isalvaw iz-zwieg, anke l-iktar minhabba li kienu saru nanniet u kien ikun ahjar ghan-neputi.

L-attrici tammetti li cediet peress li dejjem kellha l-interessi tal-familja l-ewwel u qabel kollox. Izzid tghid li donnha kellha tama li fi xjuhithom iz-zwieg taghhom kien ser jirnexxi iktar. Il-konvenut kien biegh maisonette u kien ghaddielha Lm27,000 li bihom kienet xtrat vettura lit-tifla ghax kienu weghduhilha u kienet tat xi flus lil D biex jixtri mutur u ghall-madum.

Kienu anke bdew isiefru izjed tul dan il-perjodu u kienu anke bdew johorgu ma’ hbiebhomu fl-2010 kien ippropona li R terga’ tmur lura tghix maghhom, izda wara li kellmitha tghid li R accettat li tmur tghix fil-flett isfel, sabiex tevita li toqghod tara l-glied. It-tifla ghamlet xi sena tghix hemm imbaghad telqet.

L-attrici ttenni li l-konvenut kien jilmenta li kien ghajja bil-hanut peress hadd mit-tfal ma kien imur ighinu u ghalhekk kienet tmur hi, ghaliex fir-realta’ it-tfal ma kinux interessati jahdmu fil-catering.

Gara li peress li kienet faqqghet il-gwerra l-Libya kien rega' spicca bla xoghol u kien ghalhekk li ddecieda li jixtri s-sehem tal-partner tieghu fil-kafeteria. Kienet marret mieghu ghand l-avukat Dr. Siegfried Borg Cole, fejn sar kuntratt fejn xtara sehem F B u kienet iffirmat xi karti.

L-attrici tilmenta ukoll li l-konvenut kellu vizju li jahbilha l-flus u kien hemm problema mat-Taxxa u kien inkwietat tant li lanqas kien jorqod bil-lejl. Dahhal lit-tifel D ukoll xi problem finanzjarji minhabba inkwiet ma' certu C F li kien dahal shab mieghu.

Meta ommha kienet marret lura kienet tqatta' hin ghandhom, izda anke hawn il-konvenut kien beda jipprova jaqla' l-inkwiet ghax ried ikun jaf x'kien qed isir mill-pensjoni t'ommha, tant li kien jipprova jgellidha ma' hutha minhabba li kien idahhlilha flieles go mohhha. Kien jippretendi li titratta lill-genituri fl-istess mod u kienet ghamlitilu cara li ma kinitx issib ebda problema. Pero' kien hemm okkazzjoni fejn ohtha S kienet ser issiefer u haseb li ommha kienet ser toqghod maghhom u beda jitghajjar quddiem il-genituri tieghu, tant li ddecidiet li toqghod ghar-rasha u ma tkellimhomx u omm il-konvenut kienet hasbet li ma riditihomx hemm.

Gimgha wara, l-attrici tikkonferma li l-kunjata tatha puplesija u wehhel fl-attrici u minn dakinhar kien hemm gwerra bejniethom. Ma baqax ikellimha u ghamel sena jghajjarha u jheddidha. Mill-2015 iddecieda li ma jrid jaghmel xejn iktar fid-dar u setghet taqa' bicciet. Kien ghamilha kwazi inabitabbli u fl-ahhar fl-2017 kien telaq mid-dar u kienet bdiet bil-proceduri ta' separazzjoni.

**<u>Manteniment</u>**

L-attrici tikkontendi li llum ghandha 62 sena u l-konvenut qatt ma riedha tmur tahdem. Inoltre, huwa tort tieghu li waslu ghas-separazzjoni. Tinsisti li ghandu jibqa' obbligat ighaddilha l-manteniment, izda dak ordnat mill-Qorti u cioe' s-somma ta' €470 fix-xahar (nofs il-pensjoni tal-konvenut) mhix sufficjenti ghaliha, meta tqis mal-ispejjez li ghandha.

Tinsisti ukoll li mhix f'posizzjoni li tmantni lill-konvenut.

**<u>Dar Matrimonjali</u>**

L-ewwel dar li kellhom tghid l-attrici kienet iz-Zurrieq. Tispjega li l-kunjatu kien xtara bicca art fejn iddecidew li jibnu d-dar taghhom iz-Zurrieq. Tikkonferma li kienet tahdem dak  iz-zmien u fuq insistenza tal-konvenut kienet tikkontribwixxi lejn l-ispejjes tax-xogholijiet u hafna drabi kienet tghaddilu l-flus in kontanti.

Tghid li eventwalment kienu xtraw l-art minghand missier il-konvenut u kienu tawh Lm1,000, meta fil-verita' kienu hargu   Lm200 iktar.

Izzid tghid li ommha kienet hallsitilhom it-tieg u kienet hallsitilha ukoll il-kamra tas-sodda li kellha valur ta' Lm1200. Il-kcina u s-salott kienu xtrawhom minghand Fino qabel it-tieg u tghid li kienet hallset Lm650 ghas-salott u Lm1,100 ghall-kcina.

Sussegwentement kienu bieghu dina d-dar u kienu xtraw post San Gwann, li regghu bieghuha u bnew plot Santa Maria Estate, il-Mellieha fl-1992. Tghid li ma kinitx dehret fuq il-kuntratt, izda kienet tat prokura lill-konvenut u kien jiehu hsieb kollox hu.

Tikkonferma ukoll li kienu hadu loan fl-ammont ta' €46, 000 biex ilestu x-xogholijiet u l-bini tad-dar il-Mellieha u kienu hadu diversi loans ohra u tefghu d-dar bhala garanzija. Bhala loan tikkonferma li fadal madwar €33,000.

**Komunjoni tal-Akkwisti**

L-attrici tikkontendi li fiz-zwieg kienu twaqqfu diversi kumpaniji, izda l-konvenut kien ihalliha fid-dlam dwar dawn in-negozjati u fejn kien immur il-qliegh taghhom. Kien dejjem jitlobha l-firma taghha biss u xejn iktar minn hekk. Tikkonferma pero' li uhud minn dawn il-flejjes kienu ntuzaw sabiex tinbena d-dar matrimonjali tal-Mellieha.

**CA Developers Limited (C 19875)**

Dwar din il-kumpanija tghid li nfethet ma' AC u permezz taghha kienu xtraw art Hal Lija li giet zvillupata f'maisonettes u flats, li nbieghu, izda ghad hemm xi garaxxijiet personali taghhom.

Kienu nbnew ukoll flats u garaxxijiet gewwa Tumas Fenech Str, B'Kara u ghad hemm il-garaxxijiet ukoll. Hemm ukoll xi penthouse, izda ma tafx jekk dan hux qed jinkera.

**The Village Development (P 1558)**

Din il-kumpanija kienet infethet ma' SS u kienu bnew flats, maisonettes, penthouses u garaxxijiet f'The Village, San Gwann. Kien ghad hemm xi garaxxijiet li kienu baqghu taghhom meta qasmu SS u l-konvenut. Kienet

taf li kien hemm zmien meta kienu jinkrew. Illum ma tafx jekk ghadhomx bil-kera, izda kienet taf li kienu jappartjenu lill-kumpanija.

**Marina Caterers Limited (C 33908)**

L-attrici tikkonferma li l-konvenut kien dahal fi shab ma' CB biex jiggestixxu l-cafeteria "Countrystyle," Marsaskala. Il-konvenut kien hareg cirka €50,000 biex dahal shab mieghu.

Tghid li l-cafeteria kienet trendi sew u f'sena kien jaghmel bejn Lm90, 000 – Lm100,000 u kienu jaqsmu l-profitti bejniethom. Eventwalment bin CS , F li kien dahal shab minflok missieru, kien ried jitlaq mill-hanut u ghalhekk il-konvenut kien xtara sehemhu ghall-valur ta' €100, 000.

Kienu ghalhekk ghamlu "refurbishment" tal-hanut u ghalkemm kienet saritilhom offerta ta' €300,000 biex jiehdu l-hanut ghaliex il-konvenut kien beda jiddejjaq, l-attrici kienet ikkonvincietu sabiex ma jnehhihx peress li t-tifel D, kien imhajjar ghalih. Tikkonferma li sa dak iz-zmien, il-hanut kien ghadu qed jaghmel profit peress li kienet tkun hemm filghaxijiet sabiex tghin. Kienet ghamlet zmien ukoll tghin il-konvenut taghmillu l-paperwork tal-kumpanija, izda meta beda jinduna li kienet taf kemm qed idahhal flus, kien waqqafha milli tghinu.

**D.B.R. Investment Limited (C 27129)**

Dwar dina l-kumpanija, l-attrici tishaq li certu JF , li kien habib tal-konvenut, kien fetah dina l-kumpanija u bhala kumpens tax-xoghol il-konvenut kien tah xi shares fl-istess kumpanija.

Kien hemm problemi relatati ma' dina l-kumpanija, tant li qedghin il-Qorti.

**Rudolph Street Limited (C 37928)**

Kienet infethet dina l-kumpanija bejn il-konvenut, huh u anke t-tifel biex giet akkwistata dar f' Rudolph Street, Sliema u l-konvenut kien hallas Lm25,000 deposit fuq il-konvenju. Minhabba l-problemi tas-separazzjoni, l-attrici rrifjutat li tiffirma l-kuntratt u d-depozitu ntradd lura u tghid li dawn il-flus kienet iddepositathom gewwa l-home loan.

**Shares**

L-attrici tikkonferma li l-konvenut ghandu xi shares il-Venezuela u anke l-Argentina u mal-GO, filwaqt li hi ghandha shares mal-BOV li jinsabu sekwestrati minhabba kawza li nfethet kontrihom.

**Karozzi**

Bhala vetturi hemm is-segwenti skond l-attrici:-

- Toyota Auris Hybrid KTB 856 li juza l-konvenut u kien xtara sentejn ilu ghall-valur ta' €22, 000.
- Alpha Romeo li tinstab iggaraxxjata
- Mazda Demio ACI 682

**Dghajjes**

Fil-mori tal-proceduri, l-attrici tikkonferma li l-konvenut kien xtara dghajsa li jisimha Delfina, tat-tip Bavaria Yachts u li recentement il-konvenut kien dahal anke fin-negozju tad-dghajjes.

**Banek u Flejjes**

L-attrici tghid li bhala flejjes il-bank ma tantx kellhom u dan minhabba li kellhom jigbdu l-flus minhabba sekwestru li kien sarilhom. Ghalhekk tghid li l-konvenut kien izzomm hafna *cash* id-dar u darba kien qalilha li kellhom xi €200, 000 pero' ma kinitx certa jekk kinux Euros jew Maltin.

Madanakollu, ma kinitx f'posizzjoni li tikkonferma peress li l-konvenut kien isakkar kollox u ma kellhiex access ghal dawn il-flejjes.

**Assi Parafernali**

L-attrici tispjega li missierha kien miet fit-28 ta' Frar, 1998 u kemm lilha kif ukoll lil hutha kien hallilhom omma flus. Kien hemm ukoll id-dar, li fiha kienet ghadha qed tghix ommhom.

Hemm ukoll il-kamra tas-sodda li kienet xtrat hi qabel iz-zwieg ghas-somma ta' Lm1,200 u l-istess is-salott fejn hallset Lm650 u l-kcina fejn hallset Lm1,100.

Tikkonferma ukoll li ommha kienet hallsitilhom it-tieg u kienet anke tatha €3,000 li investithom fi stocks mal-BOV.

**2.** Il-konvenut jichad l-akkuzi migjuba kontrih mill-attrici u bintu RB . Jattribwixxi l-problemi li kellhom fiz-zwieg minhabba li l-attrici kellha kilba

ghall-flus u sabiex jikkuntentaha kien hadem kemm felah sabiex izzomm il-familja sew.

Raguni ohra li wassal ghat-tifrik taz-zwieg fil-fehma tieghu kien il-fatt li omm l-attrici ma kinitx iggib ruhha sew ma' zewgha u kien jittama li l-attrici ma kinitx ser tkun l-istess, izda ghalih kienet sfortunatament. Ghalhekk ighid li fiz-zwieg kien ikun hemm hafna glied minhabba l-flus, kif ukoll kien hemm hafna tghajjir reciproku bejn il-familjari. Ighid ukoll li l-attrici kellha habta tghawwi lill-uliedhom kontrih.

Apparti l-kilba tal-flus tal-attrici, il-konvenut itenni li l-attrici kienet tberbaq il-flus, ghaliex fis-snin bikrin taz-zwieg taghhom kien ighaddilha Lm1000 fix-xahar ghall-hajja u kienet taqla' hafna kwistjonijiet li ma kienux iservuha u kienet tirrabja izjed jekk kien jitlob rendikont ta' dawn l-ispejjes.

Jammetti li ma kellux problemi biex jahdem ghall-familja, pero' lanqas ried li l-isforzi tieghu jtiru mar-rih.

Il-konvenut jishaq li l-problemi bejniethom kibbru izjed wara li akkwista sehem f'negozju f'hanut f'Marsaskala li xtaq li jigi gestit minn binhom David li ma riedx jaf bi skola. L-attrici u binthom R,  kienu kontrih u anke kontra D u dan wassal sabiex l-attrici harget diversi mandati kontrih, kif ukoll kawza ta' separazzjoni, li eventwalment giet ceduta, stante rikonciljazzjoni.

Il-qofol li wassal ghall-isfaxx totali taz-zwieg taghhom kien wara li l-attrici kecciet lill-genituri tieghu minn darhom u ghalhekk bhala vendikazzjoni rrifjuta li omm l-attrici tibqa' tghix fid-dar taghhom kif kien qed jigri. Hawnhekk regghu nbdew il-proceduri odjerni.

Izid ighid li l-attrici ghandha karattru narcisistika.

In subizzjoni, il-konvenut jikkonferma li l-uniku ntrojtu tieghu huwa nofs il-pensjoni li jircievi. Jinnega li jircievi introjtu mid-diversi partnerships u kumpaniji li huwa involut fihom, anzi jinsisti li ma jircievix dividends minn dawn is-socjetajiet.

Ma kienx f'posizzjoni li jghid kemm jiddikjara ntrojtu ai finijiet ta' taxxa. Inoltre jikkonferma li d-dikjarazzjonjiet tat-taxxa ghas-snin 2017, 2018 ma kienux saru.

Minn Marina Caterers jikkonferma li jircievi ntrojtu u dan peress li kull gimaghtejn/tlett gimghat it-tifel tieghu D ighaddilu xi flus, gieli mijiet u gieli eluf u dan wara li jaqta' l-ispejjes u minn dawn il-flus, il-konvenut jerga' jhallas spejjes ohra, bhal xiri, pagi u anke kera. Ma setax jikkonferma kemm kellhom impjegati ma' Marina Caterers.

Dwar jekk l-attrici kienetx impjegata ma' Marina Caterers ighid li kienet ippromettiet li tinsel taghti daqqa t'ghajn u ai finijiet tal-ligi giet irregistrata mal-ETC, pero' qatt ma kienet tinsel u qatt ma rceviet paga. Riedet tinzel sabiex il-kumpanija thallas il-bolla.

Dwar is-socjeta' The Village jikkonferma li din tipposjedi tlett garaxxijiet li wiehed minnhom qieghed fuq konvenju.

**3. Dr. RB** , bint il-partijiet, tikkonferma li kien hemm hafna dizgwid bejn il-genituri taghha u minn mindu kellha ghaxar snin, kienet bdiet thossha titbieghed minn missierha u dan wara li ratu jsawwat lill-attrici bic-cintorin tant li hallilha marka ma' wiccha.

Il-konvenut ma kienx jiddejjaq ikun vjolenti anke fil-konfront taghhom. Kien ukoll persuna li kien nieqes minn kull forma ta' kumplimenti, anzi kien ibaxxihom u jmaqdar lill-attrici in kontinwazzjoni. Tghid li kemm il-darba ppruvat tikkonvinci lill-attrici sabiex jitilqu mid-dar u jmorru joqoghdu wahedhom, izda kienet topponi peress li dejjem xtaqet izzomm il-familja maghquda u inoltre kienet tinkwieta li ma kienx ikollhom il-mezzi sabiex ihallsu l-iskola.

Problema ohra li kellu l-konvenut kien li kien izomm mistur il-finanzi mill-attrici. Mill-kalkolazzjonijiet li ghamlu tghid li l-konvenut kien jaqla' cirka Lm38, 000 fis-sena, u minflok kien jilmenta li kellu djun biss. Anke ma kienx jipprovdi hafna lill-attrici, cirka €300 fix-xahar.

Tghid li ghall-habta tas-sena 2006 indunaw li l-konvenut kien qed jinqeda bl-attrici sabiex jissellef mill-bank u dan sabiex jibqa' jinvesti fin-negozju li kien qed jiggestixxi. Skopriet li d-dejn kien akkumula ghal Lm80, 000.

Bint il-kontendenti tikkonferma ukoll li l-attrici kienet iddepositat cekk fil-kont tas-self u li l-istess konvenut kien jaqla' ntrojtu iehor mill-kumpaniji li kellu.

Fl-2008 tishaq li kienet irrabbjat hafna meta l-attrici kienet qaltilha li ser tirrikoncilja mal-konvenut peress li kien sar ragel sew.

Bint il-kontendenti tghid ukoll li ghalkemm ma kien jonqosha xejn, il-konvenut ma kienx joffrilha l-ebda sostenn. Inoltre, tikkonferma li r-relazzjoni bejn l-attrici u l-familjari tal-konvenut ma kinitx wahda tajba u ghalhekk dan kien iwassal ghal hafna dizgwid.

4. **DB** iben il-partijiet jikkonferma li l-konvenut mhux it-tip ta' persuna kif jippruvaw ipinguh l-attrici u ohtu R . Ighid li l-konvenut dejjem stinka ghall-familja. Ma jichadx li kien ikun hemm hafna glied bejn il-genituri, izda qatt ma ra lil missieru jkun vjolenti. Hafna mill-glied kien ikun fuq flus u fuq il-familjari.

Jikkonferma ukoll li bejn is-snin 2016 u 2019 kien impjegat mal-kumpanija Marina Caterers Limited li kienet tiggestixxi l-fond Big Cup. Il-kirja tal-istess fond ghaddiet f'ismu fl-2019 u ghalhekk ma baqax impjegat. Itenni ukoll li f'dan in-negozju l-konvenut mhux involut.

**<u>5.</u>AC** habib tal-konvenut peress li kienu jahdmu flimkien l-Airmalta. Jikkonferma li l-kumpanija tieghu Liland Holdings Limited ghandha sehem ta' 50% fil-kumpanija CA Developers Limited fejn il-konvenut huwa azzjonist tar-rimanenti 50%.

Jikkonferma li mill-izvilupp li kienu ghamlu ta' B'Kara kien ghad fadal penthouse wahda u garaxx, filwaqt li mis-sit l-iehor kien fadal xi garaxxijiet. Ighid ukoll li kien hemm konvenju fuq il-penthouse, izda minhabba l-problemi maritali bejn il-konjugi B , il-konvenju waqa' u rega' qieghed ghall-bejgh.

DFK ighid li huma l-accountants u awdituri tal-kumpanija u qedghin fil-process li jibdew il-likwidazzjoni tal-istess socjeta'.

In kontro-ezami jikkonferma li l-artijiet kienu gew akkwistati ghall-habta tas-sena 1995 u kien sar hafna mill-bejgh fl-istess sena.

Il-penthouses kienu nbnew wara peress li kien hareg iktar tard permezz biex itellghu sular iehor. Kienu bieghu wiehed mill-penthouses u sabiex

bnewhom jikkonferma li kienu hadu self li llum thallas bil-bejgh tal-penthouse,

6. **Dr. Daphne Mallia,** in rapprezentanza tal-MSV Life tikkonferma li fir-rigward tal-polza FP515888 dina l-polza kienet giet ikkancellata fuq talba tal-konvenut. Tikkonferma ukoll li l-konvenut kien hallas premium ta' €598.73 u gie rifuz lilu s-somma ta' €384.17. Il-kancellament sar fil-25 ta' Lulju, 2017. Il-polza kienet bhala garanzija ghas-self koncess mill-Bank fo Valletta plc u giet sostitwita b'polza ohra li diga' kienet fis-sehh.

Il-polza li kienet giet kancellata kienet fl-ammont ta' €50, 000 filwaqt li dik l-inbdiet fl-2014, kienet fl-ammont ta' €232, 937.34 ekwivalenti ghal Lm100,000.

Tikkonferma ukoll li dina l-polza kienet *protection based* u ghalhekk fl-eventwalita' ta' mewt ikun hemm *death benefit* ai termini tal-polza. Tghid ukoll li kien hemm divergenza fil-premium minhabba l-fatt li kien hemm *loading* li jiddependi fuq l-eta', hobbies u s-sahha tal-assikurat. F'dan il-kaz l-assikurazzjoni kienet biss fuq il-konvenut u fl-2017 irrizulta li kien ibati minn hypertension u cholesterol.

Il-polza kkancellata fl-2017, tghid li kienet intiza sabiex tigi ppleggjata mal-Bank of Valletta plc pero' l-plegg qatt ma gie perfezzjonat u l-konvenut talab il-kancellament tal-polza.

Ipprezentat ukoll diversi dokumenti ohra.[1]

[1] Doks. DM 1 u DM 2

**7**. **S S**jikkonferma li ghandu kumpanija mal-konvenut The Village Developments Limited u kienet involuta fl-izvilupp ta' proprjeta'. Ighid li dina fadlilha tlett garaxxijiet. Hemm garaxx li juzah hu u iehor il-konvenut u t-tielet wiehed kien fuq konvenju, izda waqa' ma jintuzax. Ighid ukoll li wiehed minn dawn il-garaxxijiet kien inkera ghal sena u l-kirja kienet ta' €600 fis-sena.

**8.Dr. LB** hu l-konvenut jinnega li qatt ta parir lill-attrici fuq swat u tbengil.

9. **MM** , oht il-konvenut tikkonferma incident li sehh tletin sena ilu li semmiet l-attrici u tikkonferma ukoll li bejn il-partijiet spiss kien ikun hemm dizgwid u l-attrici kienet iccempel lil omm il-konvenut.

10. **Dr. Diane Galea u Martine Cauchi** in rapprezentanza tal-Agenzija Appogg ikkonfermaw li l-attrici kienet ghamlet xi allegazzjonijiet fil-konfront ta' zewgha bejn Gunju, 2006 u Marzu, 2007.[2]

11. **Gertrude Scerri** in rapprezentanza tal-Isptar Mater Dei pprezentat certifikat mediku tal-attrici.[3]

12. **WRP 3018 Ismene Fenech** ipprezentat diversi rapporti li saru mill-partijiet fil-konfront ta' xulxin. Esebit anke l-fedina penali tal-konvenut,

[2] Dok. MC 1

minn fejn ma kienx jirrizulta li kien gie misjub hati ta' xi reat li fuqu sar rapport.[4]

13. **Ruben Bonnici** in rapprezentanza tal-ARMS Limited ipprezenta dokumentazzjoni fir-rigward ta' kontijiet fuq id-dar matrimonjali.[5]

14. **Dr. Nadia Vella** in rapprezentanza ta' Mapfre Middlesea plc. Xehdet dwar il-poloz ta' assikurazzjoni tal-partijiet.[6]

15. **Joseph Scicluna**, ikkonferma li l-kirja tal-fond f'Marsaskala a favur Marina Caterers Limited kienet giet fi tmiemha, izda mbaghad il-fond gie moghti b'titolu ta' kera favur D,  iben il-partijiet.

16. **Miriam Sultana** in rapprezentanza tal-Istock Exchange esebit rendikont ta' kontijiet fl-isem il-partijiet individwalment.[7] L-istockbrokers tas-shares huma ddentifikati bhala Calamatta Cuschieri u esebit ukoll transaction history tal-kumpanija Marina Caterers Limited.[8]

---

[4] Doks. IF 7 – IF 17
[5] Doks. RB 1 – RB 4
[6] Doks. MMS 1 – MMS6 u DMA 1
[7] Doks. MS 1 u MS 2
[8] Doks. MS 3 u MS 4

17. **Dr. Claudette Fenech** in rapprezentanza tal-Awtorita' Maltija ghas-Servizzi Finanzjarji xehdet dwar diversi socjetajiet appartanenti l-komunjoni tal-akkwisti.[9]

18. **Karen Cremona** in rapprezentanza tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta xehdet dwar vetturi li kellhom u li ghandhom irregistrati f'isimhom il-partijiet.[10]

19.**Michael Savona** in rapprezentanza tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta kkonferma li l-konvenut m'ghandu ebda bastiment irregistrat fuq ismu u ddepona li fir-registru nawtiku ma' hemm ebda ingenji tal-bahar li jgib l-isem "Aquaholic Bombette."

20. **Daniel Fenech** in rapprezentanza ta' MZ Investments Limited ikkonferma xi investimenti f'isem il-konvenut.[11]

21. **Paul Mercieca**, fil-kapacita' tieghu bhala amministratur mahtur mill-Awtorita' Maltija ghas-Servizzi Finanzjarji in rapprezentanza ta' DBR xehed dwar investimenti f'isem il-konvenut.[12]

22. **Emanuel Farrugia**, in rapprezentanza ta' DFK Malta ddepona dwar servizzi rezi minnhom fir-rigward tas-socjeta' C.A. Developers Limited,

---

[9] Doks. CF 1 – CF14
[10] Doks. KC 1 u KC 2
[11] Doks. DF1 – DF 3
[12] Doks. PM 1

Marina Caterers Limited u The Village Developments Limited, li fihom kellu ishma flimkien ma' terzi, il-konvenut.

23. **Dr. Alexia Aquilina**, in rapprezentanza tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali pprezentat atti gudizzjarji minn fejn jirrizulta li l-konvenut kien is-sid ta' nofs l-ishma tal-kumpanija Marina Caterers Limited u tal-kumpanija C.A. Developers Limited mit-2 ta' Mejju, 2017.[13]

Ikkonfermat ukoll li l-konvenut flimkien ma' S S kienu shab fis-socjeta' The Village Development.

24. **Saviour Theuma** in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali xehed dwar il-beneficcji li qiedgha tippercepixxi l-attrici.[14]

25. **FB** kkonferma li kien socju mal-konvenut fil-kumpanija Marina Caterers Limited u l-ishma li kellu kienu gew akkwistati mill-konvenut ghas-somma ta' €30,000.

Ighid ukoll li ghalkemm kien sema' dwar xi kunfidenzi zejda bejn il-konvenut u certu SF , qatt ma kien rah agir li ma kienx korrett. Izzid ighid li minhabba l-problemi maritali bejn il-konjugi B kien ikollhom problemi fin-negozju bhall-sekwestri.

---

[13] Doks. AA 2 – AA6

[14] Doks. ST1, STA u STB

26. **Johanna Bartolo**, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. Ikkonfermat li hemm diversi kontijiet bankarji f'isem il-partijiet kemm individwalment, kif ukoll konguntivament.[15]

Ipprezentat ukoll dokumentazzjoni rigward kontijiet bankarji f'isem Marina Caterers Limited.[16]

L-istess xhud aggornat it-taghrif dwar il-kontendenti b'izjed dokumenti ta' kontijiet bankarji.[17]

27. **Alison Mifsud Brimmer**, in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. Ipprezentat informazzjoni dwar kontijiet bankarji f'isem il-partijiet hemm individwalment kif ukoll konguntivament.[18]

Iddeponiet ukoll dwar kontijiet bankarji f'isem C.A. Development Limited u Rudolph Street Limited.[19] Esebit ukoll rendikont tal-kont f'isem C.A. Development Limited.[20]

28. **Jeanette Lepre** in rapprezentanza tal-Lombard Bank Malta plc. Xehdet dwar kont bankarju f'isem C.A. Development Limited u esebit rendikont tal-istess kont bankarju.[21]

---

15 Doks. JB 1 – JB15
16 Dok. JB 16
17 Doks. JBA 1 – JBA 5 u JBA 1 u JBA2
18 Doks. AMB 1 – AMB 5
19 Doks. AMB 7 – AMB 10
20 Dok. AMB 11

21 Dok. JL 1

**Konsiderazzjonijiet**

**Responsabbilita'**

L-attrici, li fethet dina l-kawza ta' separazzjoni qed titlob lil dina l-Qnorabbli Qorti sabiex tawtorizza s-separazzjoni bejniethom u taddebita l-htija lill-konvenut minhabba li rrenda ruhu hati ta' eccessi, sevizzi, minacci, theddid u offizi gravi fil-konfront taghha. Il-konvenut jirrespingi dawn l-allegazzjonijiet u jishaq li z-zwieg tkisser irrimedjabilment, tort tal-attrici.

Mir-rizultanzi processwali jista' jigi rilevat li kien hemm zewg problem magguri fiz-zwieg tal-kontendenti u dan huwa kkonfermat kemm mill-partijiet, kif ukoll minn uliedhom – kwistjonjiet ta' flus, kif ukoll minhabba dizgwid bejn il-familjari. Sfortunatament, ulied il-partijiet izzefnu fin-nofs u bi diqa kbira dina l-Qorti tissottolinea, li mhux hekk biss, izda anke waslu sabiex R, zzomm ma' ommha u tikkorrobora l-verzjoni fl-intier tieghu, filwaqt li D xehed bhala sostenn ghall-missieru l-konvenut. Oltre minn hekk l-ahwa bejniethom tbieghu hafna u dina l-animosita' mhix xi haga li dina l-Qorti tixtieq li tara f'kawzi ta' separazzjoni, fejn id-dizgwid huwa generalment bejn il-genituri u m'ghandhomx jidhlu fin-nofs it-tfal.

Dwar il-flus, l-attrici ssostni li l-konvenut kellu habta jahbilha l-introjtu tieghu partikolarment meta beda fin-negozju tal-bini. Mill-assjem tal-provi jirrizulta li l-konvenut kien bniedem habbrieki li dejjem hadem u stinka. Huwa minnu li biddel diversi mpjiegi pero' kemm l-attrici u uliedha jikkonfermaw li ma kien jonqoshom xejn. Il-konvenut stess jammetti li fil-bidu taz-zwieg taghhom kien ighaddi lill-attrici cirka Lm1000 fix-xahar, li

ghal dak iz-zminijiet kien ammont pjuttost tajjeb. Fil-fatt, il-konvenut jattribwixxi hafna mill-problemi ghall-fatt li l-attrici qatt ma kienet tikkuntenta b'xejn. Kienet tghidlu li dawn il-flus ma jservuhix u kienet tohloq hafna polemiki jekk kien jitlobha rendikont ta' fejn kienet qed tonfoq il-flus.

Il-karattru habrieki tal-konvenut jispikka izjed anke mix-xhieda stess tal-partners tieghu f'diversi kumpaniji li kienu nvoluti fin-negozju. Jirrizulta li hafna minn dawn il-kumpanijiet kienu bnew diversi, flattijiet, maisonettes u garaxxijiet li sussegwentement inbieghu, ghajr ghal xi uhud minnhom. Dan juri li l-istess negozju li dahal fih il-konvenut kien qed irendilhom. Anzi pjuttost kienet l-istess attrici li sstultifikat xi konvenji minhabba li l-problemi maritali bejnietom hallew impatt fuq dawn in-negozjati, partikolarment minhabba l-mandati ta' sekwestri jew mandati ta' inibizzjonijiet li harget l-istess attrici. L-attrici kienet tafda fil-konvenut, kuntrarjament ghal dak li tallega peress li kienet tatu prokura u kienet anke ammettiet li kienet tiffirmalu ghax gieli ma kienx ikollha aptit tmur ghall-kuntratti.

Anke r-residenzi li kellhom il-kontendenti minn dar iz-Zurrieq, ghal villa bil-pixxina, Santa Maria Estate, il-Mellieha, juri li l-kontendenti kellhom sold jew tnejn fuq rashom. Fil-fatt, l-attrici stess tikkonferma li mill-bejgh ta' xi proprjetajiet li kellhom xi kumpaniji taghhom kienu hallsu ghall-bini tal-villa l-Mellieha.

Oltre minn hekk il-konvenut kien dahal hab f'negozju ta' kafeterija li kien qed irendi sew. L-attrici stess tikkontendi li l-intendiment wara dan in-negozju kien sabiex binhom David ikollu fejn jahdem ghaliex ma kienx interessat fl-iskola, izda l-attrici kienet konvinta li lanqas ma kien interessat

fil-catering. Ciononostante, illum dina l-kafeterija hija mmexxija minn D stess.

Stabbilit li l-attrici kellha diversi aspettativi u jahdem kemm jahdem il-konvenut, qatt ma kien ser ikun qed jikkuntentaha ghax qatt ma kien hemm bizzejjed, dina l-Qorti hija konvinta ukoll li l-konvenut, li kellu l-flus f'idejh, peress li l-attrici qatt ma hadmet meta bdew familja, u kienu jispiccaw jitlewmu, kien jabbuza mis-sitwazzjoni finanzjarja tieghu u jissikka c-cintorin fil-konfront tal-attrici.

Il-Qorti thoss li l-verzjoni tal-attrici, li meta l-problemi fiz-zwieg bdew jikkumplikaw ruhhom kien hemm hafna piki u vendikazzjonijiet li wasslu sabiex l-attrici jkollha titkarrab sabiex il-konvenut ighaddilha l-flus, tal-anqas ghall-bzonnijiet tal-hajja, hija verosimili. Fl-ahhar sa anke ma bediex ihallas il-kontijiet tad-dawl u ilma.

Il-karattru pikuz tal-konvenut jirrizulta anke meta l-attrici kienet qed tinzel tghin fil-kafeterija u kienet ippretendiet li jhallsulha l-bolla sabiex tkun koperta ai finijiet tal-pensjoni, izda dan ma sehhx.

Il-verzjoni attrici dwar il-piki u karattru gelliedi tal-konvenut jitkompla jissahhah meta xehdet dwar id-diversi mpjiegi li kellu, fejn dejjem telaq minhabba li kien ikollu xi jghid. L-istess kien jaghmel man-nies li kienu qed jaghmlulhom ix-xoghol fil-kostruzzjoni tad-diversi djar, fejn sahansitra kienu spiccaw anke l-Qorti f'kazijiet minnhom.

Il-piki kienu ukoll wasslu ghal hafna glied bejniethom fuq il-genituri rispettivi taghhom. Mill-bidunett jirrizulta li l-attrici ma tantx kellha relazzjoni tajba mal-genituri tal-konvenut u dan wara xi darba li kellhom xi jghidu kienu ghajjruha mara hazina.

Il-konvenut da parti tieghu kien konvint li l-attrici kienet tghawwi lill-uliedhom kontra l-genituri tieghu u din kienet ir-raguni ghalfejn kienu jipprotestaw meta kienu jzurhom.

Meta l-attrici kienet tiehu hsieb lil ommha u ggibha d-dar ghax hi u hutha kienu jalternaw bejniethom, il-konvenut kien dejjem jilmenta li hutha kienu jfarfru u kienu jispiccaw jitwekkew biha huma. Dan it-tilwim kompla bejniethom sakemm splodew fl-ahhar meta f'okkazzjoni minnhom, l-genituri tal-konvenut akkuzaw lill-attrici li kienet keccieithom mid-dar u ftit wara omm il-konvenut tatha puplesija, Il-konvenut wahhal kompletament fl-attrici u minn hemm spiccaw bil-proceduri odjerni,

Ghalhekk jirrizulta li t-tnejn li huma kellhom tort f'dan ir-rigward ghax kienu hemm hafna animosita' bejn il-familjari, fatt li kkonfermat anke binthom RB

L-attrici tallega ukoll li l-konvenut kien vjolenti, izda ma tressqux provi soddisfacenti ta' dan l-agir u anke jekk semmai binthom R ssemmi incident fejn rat lill-konvenut isawwat lill-attrici b'cintorin, l-attrici stess ma hassitx in-necessita' li ssemmi dan l-incident, meta ghall-bintha halla impatt kbir.

Ghalhekk dawn il-provi jimmilitaw kontra l-verzjoni attrici.

Inoltre, l-attrici tpingi lill-konvenut bhala persuna li kien jigri wara n-nisa, izda hlief li tissemma biss wahda mill-impjegati li kienet tghaddi hafna hin fil-kafeterija wara l-hinijiet tax-xoghol taghha, ma gie ppruvat xejn li seta' jwassal lil dina l-Qorti tahseb li hemm xi indizji jew prezunzjonijiet ta' adulterju kommessi mill-konvenut.

Ghalhekk, ikkunsidrat dan kollu, dina l-Qorti thoss li ghandha tikkonferma l-verzjoni tal-Perit Legali in kwantu jirrigwarda r-responsabbilita' tal-partijiet ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg, Huwa car daqs il-kristall, li t-tnejn li huma kkontribwew ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg "…***il-Perit Legali ma jistax jonqos milli jikkunsidra l-agir tal-konvenut li minkejja li dejjem hadem u pprovda ghall-familja tieghu jammetti ghal agir xejn xieraq, anke jekk skontu dan kien ta' spiss ikun b'risposta ghall-agir tal-attrici nnifisha."***

Jistghu ghalhekk jigu ikkonfermati l-konkluzjonijiet raggunti mill-Perit Legali li z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment tort tal-imgieba rispettiva taghhom fil-konfront ta' xulxin, liema mgieba ta' bilfors li rrendiet impossibbli l-konvivenza ta' bejniethom u per konsegwenza z-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

**<u>Manteniment ghall-attrici</u>**

L-attrici ghamlet zmien tahdem bhala kindergarden assistant fil-bidu tal-hajja mizzewwga, izda meta twieldu t-tfal qatt ma regghet hadmet. Jirrizulta ukoll li l-attrici mhix intitolata ghal ebda pensjoni peress li ma kellhiex bizzejjed bolol imhallsin.

Illum ghandha kwazi 70 sena u ghalhekk prattikament hija pensjonanta.

Meta l-Qorti tkun qed tiddeciedi kwistjonijiet ta' manteniment dejjem trid tikkunsidra l-mezzi ta' dak li minnu huwa rikjest il-manteniment u l-bzonnijiet tal-persuna li qed titlob il-manteniment.

L-Artikolu 20 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla illi:-

> ***"(1) Il-manteniment ghandu jinghata skont il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min ghandu jaghtih.***
>
> ***(2) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat ghall-manteniment, ghandu jinghadd biss il-qligh tieghu mix-xoghol tal-professjoni, arti jew sengha, is-salarju jew il-pensjoni tieghu moghtija mill-Gvern jew minn haddiehor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dhul li jinholoq taht trust."***

Fil-mori tal-proceduri, dina l-Qorti kienet ordnat lill-konvenut sabiex ighaddilha nofs il-pensjoni tieghu, ghax illum huma pensjonant ukoll u cioe's-somma ta' €400 fix-xahar.

Inghatat ukoll il-fakolta' li tikri l-izghar flat li jifforma parti mill-fond matrimonjali u zzomm ghalija r-rikavat, filwaqt li l-konvenut ha l-flatt bi tlett ikmamar tas-sodda li jista' jikri ukoll.

Jirrizulta ukoll li ghalkemm l-attrici mhix intitolata li tircievi pensjoni, tircievi xi beneficcji socjali ukoll. Kien hemm xi zmien ukoll li kienet qed tahdem gewwa haunt tal-hwejjeg.

Il-Perit Legali kkonstata li l-attrici m'ghandhiex tkun intitolata li tippercepixxi ebda forma ta' manteniment minghand il-konvenut, lanqas f'xi forma ta' pensjoni u dan minhabba l-fatt li kien ghad ghandha kapacita' lavorattiva u bil-mod kif ser jillikwida l-komujoni tal-akkwisti ser tircievi ammont sostanzjali sabiex tkun tista' tghix komda.

Jipparaguna lill-attrici mal-konvenut, li ghalkemm ghandu pressapoco l-istess eta' tal-attrici, dejjem hadem u stinka u ghalkemm jircievi pensjoni, ghad hemm in-negozju u anke kellu impjieg bhala konsulent mal-Gvern.

L-attrici tinsisti li l-konvenut jircievi dividends mid-diversi kumpaniji fejn qieghed jew direttur jew azzjonist u jircievi anke r-rebates li hemm fuq il-pannelli minghand l-ARMS.

Il-konvenut jikkontendi ukoll li apparti l-proprjeta' li ser tircievi l-attrici stante l-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komujoni tal-akkwisti, ghadha kemm wirtet lil ommha ammont sostanzjali,

Il-Qorti ma taqbilx mar-ragunar tal-Perit Legali, stante li l-eta' tal-attrici mhix eta' fejn wiehed ghandu necessarjament ifittex impjieg jew ikompli jahdem. Hija stil ta' hajja li wiehed ikun dara u cioe' jekk wiehed ghandu professjoni u baqa' jippratikaha anke f'din l-eta' ta' sebghinijiet, wiehed jifhem li ma jkunx irid jieqaf. L-attrici ilha ghexieren ta' snin ma tahdem, hlief li tinzel tghin fil-kafeteria u certament mhix mharrga fil-qasam teknologici u thaddimhom, li llum huma necessita' sabiex wiehed jigi mpjegat. Ikun kompitu difficli ghall-attrici li ssib lil xi hadd biex jimpjegaha llum il-gurnata ghandha kemm ghandha kapacita' lavorattiva u dan

ghaliex jekk ghandhom ghazla dina dejjem ser taqa' fuq dik il-persuna li tista' toffri iktar stabbilita' fl-impjieg taghha.

Huwa minnu li l-attrici tista' ddur fuq mezzi ohra, bhal kirja tal-flat li jinstab fid-dar matrimonjali u anke sehemha mil-likwidazzjoni tal-komunjoni, izda bhal kull persuna ghandha dritt li tghix u li jkollha ntrojtu cert u dan jista' jsehh biss bil-hlas mill-pensjoni tal-konvenut, li minflok €400 fix-xahar ghandu jigi ridott ghal €300 fix-xahar u dan ibbazat fuq ic-cirkostanzi fuq imsemmija, minn fejn jirrizulta li l-attrici mhix ser tkun daqshekk fil-bzonn.

**<u>Komunjoni tal-Akkwisti</u>**

Il-Perit Legali kkonferma li l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti jikkonsistu fis-segwenti:-

a) Dar Matrimonjali
b) Beni Mobbli
c) Ishma f'socjetajiet kummercjali
d) Depoziti Bankarji
e) Investimenti
f) Vetturi

**a) <u>Dar Matrimonjali</u>**

L-unika proprjeta' immobbli appartenenti lill-partijiet personalment hija dik bin-numru 68, "Terazza," Triq ta' Fuq il-Widien, Mellieha. L-art u l-bini tal-istess dar sar kollu fiz-zwieg, f'liema fond ghadha qed tghix l-attrici.

Il-konvenut qed jippretendi li dina d-dar ghandha tinbiegh fuq is-suq mifuth u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet. Da parti taghha l-attrici tikkontendi li llum hija mara avvanzata fl-eta' u ghandha tibqa' tghix fid-dar matrimonjali *vita durante.* Ghandu jigi rilevat ukoll li l-attrici qed tikkontendi hekk stante li qed twaddab il-htija tat-tifrik taz-zwieg fuq il-konvenut.

Dina l-Qorti diga' ppronunzjat ruhha rigward ir-responsabbilita' taz-zwieg u waslet ghall-konkluzzjoni li l-htija hija wahda konguntiva. Ghalhekk, dina l-Qorti taqbel mar-rakkomandazzjonijiet tal-Perit Legali li huwa ekwu u gust li d-dar matrimonjali ghandha titpogga ghall-bejgh fis-suq hieles bil-prezz maqbul bejn il-partijiet u cioe' €2,700,000, liema valur ghandu jigi rivedut jekk wara sena dan il-post jinbiegh. Il-partijiet rispettivament ghandhom ikollhom id-dritt ta' preferenza li takkwista hija stess is-sehem tal-parti l-ohra.

Il-Qorti tordna ukoll li l-attrici ghandha tibqa' tghix fl-istess dar sakemm tinbiegh, fejn fi zmien xahrejn mid-data tal-konvenju ghandha tivvaka mill-istess fond.

Inoltre, ir-rikavat mill-bejgh tal-istess fond ghandu jinqasam f'ishma ugwali bejn il-partijiet, wara li mill-istess rikavat jithallsu l-kontijiet ghas-servizzi kollha pendenti sad-data tas-sentenza u wara li jithallsu d-djun appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti.

**b) <u>Beni Mobbli</u>**

Ghalkemm kif accenna l-Perit Legali, il-partijiet ma ressqu ebda elenku ta' dawn l-oggtti, pero' fil-provi taghhom semmghu diversi mobbli u oggetti prezzjuzi appartenenti lilhom.

L-attrici kienet affermat li kienet xtrat il-kamra tas-sodda qabel iz-zwieg u fuq dan il-Perit Legali kkonferma li ma hemm ebda kontestazzjoni, L-attrici pero’ tikkontesta li ghandha tinghata l-likwidazzjoni fi flus kontanti ghall-proprjeta’ parafernali taghha ndikat mill-Perit Legali, izda dina l-Qorti tirrileva li mkien il-Perit Legali jsemmi li ghandha tigi assenjata fi flus kontanti ghal dina l-proprjeta’, anzi rrakkomanda li tigi assenjata bil-kamra tas-sodda.

Il-Qorti taqbel mal-attrici in kwantu jirrizulta li hemm mobbli ohra li hallset ghalihom l-attrici u dawn huma s-salott u oggetti ohra li ghalihom kienet harget Lm1,100. Dawn l-oggetti ghandhom jigu assenjati lura lill-attrici in kwantu jirrapprezentaw proprjeta’ parafernali, wara li l-attrici tindika hi stess x’inhuma l-oggetti mhux identifikati.

M'hemmx kontestazzjoni ukoll li l-attrici ghandha tigi assenjata 863 sehem indikati bhala BOV shares li jirrizulta huma proprjeta’ parafernali tal-attrici konsegwenti ghall-mewt ta’ missierha NM [22]

Tenut kont ta’ dan kollu, ghajr ghal dawn il-mobbli fuq imsemmija, il-mobbli l-ohra ghandhom jigu assenjati nofs kull wiehed favur il-kontendenti wara li jithejja elenku taghhom u jigu stmati ghal dan il-ghan.

c) **<u>Ishma f’Socjetajiet Kummercjali</u>**

Illi mill-provi jirrizulta li l-konvenut huwa azzjonist fil-kumpanija kummerjcali CA Developers Limited u fil-kumpanija kummercjali Marina Caterers Limited u huwa msieheb ukoll bhala socju fis-socjeta The Village

[22] Dok. MS

Development (P1558), ishma jew beneficcji li jirrizulta li jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti.

Il-Perit Legali rrakkomanda li nofs l-ishma registrati f'isem il-konvenut fl-imsemmi kumpaniji, flimkien mas-sehem mill-beneficcju ekwivalenti ghal nofs il-kontribuzzjonijiet li wettaq bhala socju fis-socjeta' The Village Development (P1558) ghandhom jigu assenjati lill-attrici.

L-attrici, filwaqt li taqbel mar-rakkomandazzjonjiet raggunti mill-Perit Legali, ghajr li tinsisti li m'ghandhiex tidhol responsabbli ghal kwalsiasi pizijiet jew djun tal-istess kumpaniji u ta' dawn ghandhu jaghmel tajjeb il-konvenut, stante li dejjem halliha fid-dlam dwar dawn in-negozjati. Inoltre, l-attrici tinsisti li ghandha tkun involuta direttament fi kwalsiasi negozjati dwar proprjetajiet appartenenti lil dawn il-kumpaniji.

Il-konvenut jalludi li l-kumpanija Marina Caterers Limited kienet twaqqfet sabiex tigi gestita l-kafeterija, li llum titmexxa minn binhom D. Ighid li dina s-socjeta' qiedgha fi stat ta' likwidazzjoni u qed jippretendi li l-attrici gialadarba qed tippretendi li tiehu nofs is-sehem li hija ntitolata ghaliha ghandha thallas ukoll sehemha mill-ispejjes, taxxa u anke penali.

Il-Qorti tirrileva li gialadarba l-attrici ma kinitx involuta fl-ebda mod f'dawn in-negozjati u l-gestjoni tal-istess kumpaniji, dawn l-ispejjes, taxxa u penali ghandhom jibqghu responsabbilita' tal-konvenut.

Fir-rigward tas-socjeta' CA Developers Limited, il-konvenut jirrileva li din hija *dormant* u ghad tipposjedi diversi proprjetajiet li ghad iridu jinbieghu,

hemm erba' garaxxijiet li huma taghhom, kif ukoll penthouse u garaxx f'B'Kara li huwa bi shab mal-azzjonijist l-iehor AC .

Il-Qorti taqbel ma' dak propost mill-konvenut, li l-attrici li qed tigi assenjata nofs is-sehem tal-konvenut fl-istess socjeta' u ghandha tiehu nofs ir-rikavat li jircievu hi u l-konvenut tal-proprjetajiet mal-bejgh taghhom, imma qabel iridu jitnaqqsu t-taxxi u penali amministrattivi.

Dwar is-socjeta' The Village Development, il -konvenut jikkonferma li dina socjeta' ghad ghandha tlett basement *garages*. Ma jirrizultax li dina s-socjeta' qiedgha fi stat ta' likwidazzjoni u ghalhekk l-attrici ghandha tinghata nofs is-sehem tal-konvenut bhala azzjonist tal-istess socjeta' u hija ntitolata ghal sehemha minn kwalsiasi negozjati li jsiru minn dina l-istess socjeta'.

d) **<u>Depoziti Bankarji</u>**

Illi jirrizulta li hemm diversi kontijiet bankarji li ghadhom attivi u jikkonsistu fis-segwenti:-

i) Kont bankarju f'isem l-attrici mizmum mal-Bank of Valletta plc bin-numru 40017423863
ii) Kont bankarju f'isem il-konvenut mizmum mal-Bank of Valletta plc bin-numru 40018300037

Dawn il-kontijiet ghandhom jibqghu jappartjenu lil kull parti li lilha jghajjat il-kont.

iii) Kont bankarju f'isem il-konvenut mizmum mal-HSBC Bank Malta plc bin-numru 068081710451 li fiha hemm iddepositata somma minima

Dan il-kont ghandu jigi assenjat lill-konvenut

iv) Kont bankarju f'isem il-partijiet mizmum mal-HSBC Bank Malta plc bin-numru 01605474401, liema kont ghandu jinghalaq u s-somma hemm iddepositata ghandha tinqasam bejn il-partiiet.

Kwalsiasi kontijiet li jirrizultaw li jikkontjenu depoziti provenjenti mit-trasferimenti ta' proprjeta' parafernali huma ndubbjament tal-konvenut, izda naqas milli jindika liema huma dawn l-istess kontijiet, kif wara kollox naqas li jaghmel ukoll fis-sottomissjonijiet tieghu.

e) **<u>Investimenti</u>**

Illi l-Qorti taqbel mal-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-investimenti ndikati mill-Perit Legali u ghalhekk dina l-Qorti tassenjahom fis-segwenti mod:-

i) Illi nofs l-ishma f'isem l-attrici, ghajr biss ghal 863 sehem indikati bhala BOV shares li jirrizulta li huma proprjeta' parafernali tal-attrici konsegwenti ghall-mewt ta' missierha NM ghandhom jigu assenjati lill-attrici;[23]

ii) Illi ma giex ikkontestat mill-attrici li l-investimenti li l-konvenut jaccenna ghalihom fl-affidavit tieghu huma provenjenti mill-wirt

[23] Dok. MS

tal-genituri tieghu u ghalhekk dawn l-istess investimenti, jew is-sehem lilu spettanti, ghandhom jigu assenjati lill-konvenut.

iii) Nofs il-bonds f'isem C B mizmuma minn MZ Investment Services, flimkien ma' kwalsiasi interessi minnhom mizmuma ghandhom jigu assenjati lill-attrici.[24]

**f) Vetturi**

Illi jirrizulta li l-komunjoni tikkonsisti fi tlett vetturi u cioe' vettura tal-ghamla Mazda Demio li ggib in-numru ta' registrazzjoni ACI682 li qed tuza l-attrici, vettura tal-ghamla Toyota Auris li ggib in-numru ta' registrazzjoni KBT856 li juza l-konvenut, kif ukoll vettura tal-ghamla Alfa Romeo li ggib in-numru ta' registrazzjoni KBC739 li llum tinstab iggaraxxjata.

Ghalkemm ma ngabu ebda stima tal-istess vetturi u l-partijiet ilhom jaghmlu uzu minnhom ghal dawn l-ahhar snin, ikun gust li kulhadd jaghmel uzu mill-vettura li prezentement tinstab fil-pussess taghha.

Rigward il-vettura Alfa Romeo, dina l-Qorti taqbel mar-rakkomandazzjoni tal-Perit Legali li ghandu jitqabbad surveyor sabiex jaghmel stima tal-istess vettura u r-rikavat ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

---

[24] Doks. DF 1

1. Tilqa’ in parte l-ewwel talba attrici u tippronunzja s-separazzjoni personali ta’ bejn il-kontendenti u dan stante illi l-hajja ta’ bejn il-kontendenti ma ghadhiex iktar possibbli ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment.
2. Tilqa’ t-tieni talba attrici u tordna li €300 fix-xahar ghandhom jinqatghu mill-pensjoni tal-konvenut- u b’dan ghandu jigi avzat u notifikat id-Direttur tal-Pensjonijiet, filwaqt li tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-attrici skond kif diga’ gie deciz minn dina l-Qorti fl-intestatura “Manteniment.”

3. Tilqa’ t-tielet talba attrici u tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48(d) tal-Kapitolu 16 fil-konfront taz-zewg partijiet mid-data tas-sentenza u konsegwentement tichad it-tieni talba attrici.

4. Tilqa’ r-raba’, hames u s-sitt talba attrici skond kif diga’ gie deciz minn dina l-Qorti fl-intestatura “Komunjoni tal-Akkwisti” u filwaqt li tiddikjara l-komunjoni xolta, tassenja l-assi formanti parti mill-istess kif fuq imsemmi u tinnomina lin-Nutar Clinton Bellizzi sabiex jircievi kwalsiasi att relattiv, u tahtar ukoll kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

5. Tichad is-seba’ talba attrici b’dan illi tawtorizza lill-attrici tibqa’ tirrisjedi fid-dar matrimonjali sax-xahrejn mid-data tal-konvenju tal-bejgh tal-istess fond.

6. Tilqa’ t-tmien talba attrici u tordna li s-sentenza ta’ dina l-Onorabbli Qorti tigi rregistrata fir-Registru Pubbliku.

L-ispejjez ghandhom jigu ssopportati f'ishma ndaqs bejniethom.

**Onor. Imhallef Dr. Anthony J. Vella** **Registratur**